


# Terġa' tinbena n-niċċa tad-Duluri tax-xatt

*Pawlu Dimech*

Il-membri tal-Għaqda Storika Kulturali Marsa ħadmu bis-sħiħ biex ġiet salvata parti mill-patrimonju reliġjuż tal-Marsa. Qed nirreferi għan-niċċa u l-istatwa antika u artistika ta' Marija Addolorata magħrufa bħala 'Il-Pietà'. Hija msejħa hekk għaliex għandha fi ħdanha lil Sidna Ġesù Kristu mejjet bħalma hija l-Pietà ta' Michelangelo fil-Vatikan.



L-istatwa kienet inħadmet mill-iskultur is-Sur Carmelo Zammit li twieled iż-Żurrieq fl-1850 u skolpa diversi statwi fil-ġebla Maltija. Hu miet fl-1919. Għall-bidu, l-istatwa tad-Duluri kienet fil-ġenb fuq pedestall ma' bini qadim u kienu l-ħaddiema tax-xatt u oħrajn li bnewlha niċċa kbira. Din iżda kellha titneħħa meta sar xogħol tal-kumpanija tal- MOBC minħabba xi bini ta' tankijiet u ma reġgħetx tqiegħdet f'postha meta tlesta x-xogħol.

Kien fuq l-inizjattiva tal-Għaqda Storika u Kulturali Marsa li wara ħafna laqgħat mal-Enemalta u bl-għajnuna tal-Kunsill tal-Marsa rnexxielhom mhux biss li tinstab l-istatwa imma anki li terġa' tinbena n-niċċa għaliha. Għal din ir-raġuni, in-niċċa kellu jinstabilha post alternattiv u wara li ħarġu l-permessi tpoġġiet fi nħawi tal-Menqa taħt il-ħajt tal-ġnien Spencer f'Moll il-Ħatab.

L-istatwa kellu jsirilha restawr mis-Sur Sergio Gauci li tħallas mill-Għaqda Storika u Kulturali Marsa waqt li l-Enemalta ħallset għall-bini tan-niċċa li tlestiet f'Jannar 2018. Huwa ta'



sodisfazzjon għal dawk kollha li jinteressahom u jħobbu dak kollu li huwa Marsi li n-niċċa tad-Duluri sabet postha mill-ġdid fl-inħawi tax-xatt. Din issa qed titgawda minn kulħadd filwaqt li tkompli tikber id-devozzjoni lejn ix-xbieha tad-Duluri. Nifraħ lilll-Għaqda Storika u Kulturali Marsa u nagħmlilha kuraġġ biex issir aktar ħidma sabiex insalvaw iżjed il-patrimonju Marsi.

